**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum it-23 ta' April, 2024**

**Rikors numru: BCT 44/23**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Glen Cassar**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant li permezz tiegħu huwa ppremetta u talab:

> *Reference is being made to the fine you issued in my name numbered CA/P08/0188/2023 for permit number PA/7414/17..*
>
> *Please note that I have nothing to do with work done on the pavement re the moving of a feeder pillar of enemalta as shown in attached pic.. I just applied for its relocation on 25.01.23 and till this day all they did was to install a new one and move some but not all the cables leaving me very limited access to my property as shown in the attached pic. Thus I am objecting to the fine... The works on the pavement concerned Enemalta and not me and were done to relocate this feeder pillar... Also as shown in the attached*

*pic yesterday they came and poured some fresh concrete near the feeder pillar very badly made... Just for you to know I made some plastic barriers in the meantime till they finish off their work. This I made out of my free will and not as any admission of guilt... I am also promising that as soon as they finish their work I make a new pavement.*

Ra r-risposta tal-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi **preliminarjament** skont l-artikolu 6 tal-Kap. 189, kif magħdud mal-Kap. 490, l-appell intavolat kellu jkun kollu bil-lingwa Maltija *stante* li ma hemm l-ebda ordni jew raġuni legali sabiex l-linġwa tkun dik Ingliża *kwindi* tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;

3. Illi **preliminarjament** l-esponenti Awtorità qegħda tissolleva l-fatt li tali appell ma jikkonformax mad-detti tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 *stante* li l-appell ma kienx akkumpanjat ma kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità, *kwindi* tali appell għandu jiġi dikjarat bħala null;

4. Illi skont annessi ritratti immarkati kumplessivament bħala Dok A1 sa Dok A7 jidher ċar li xogħol li kien qiegħed jsir jikser id-dispożizzjoni tal-liġi;

5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet finali preżentati mill-parijiet;

Ra li l-kawża tħalliet għas-senteza għal-llum.

**Ikkunsidra**

Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt ewro (€500) fuq l-appellant fil-vesti tiegħu bħala il-manager tas-sit 25, Casa Loretta, Triq il-Mitjar Luqa. Il-ksur li wassal għal din il-penali hija li kien hemm ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 u dan in vista' li kien hemm "*Mogħdija koperta b'art li tiżloq u/jew mhux livellata".*

L-appellant xehed f'dawn il-proċeduri u huwa kkonferma li huwa s-sid ta' blokka ġo Ta' Sliema u l-kwistjoni kollha hija rigward għamara li tintstab fit-triq u li s-sid tagħha hija s-soċjeta' Enemalta. L-appellant jgħid li l-Enemalta għamlu xi xogħlijiet fuq il-bankina u dan billi għaddew *cable* minn ġol-bankina għall-kaxxa in kwistjoni li qiegħda quddiem il-blokka in kwistjoni. Hu jispjega li x-xogħol fuq il-bankina għadu mhux lest u jista' jkun lest appena l-Enemalta jikkonkludu x-xogħol tagħhom. In kontro-eżami ix-xhud ikkonferma li t-tqattiegħ tat-trinka sar minnu fuq talba tal-Enemalta iżda it-tqegħid tal-konkos sar mill-Enemalta.

Xehed Sean Mizzi, bħala *building inspector* fi ħdan l-Awtorita' appellata li stqarr li huwa għamel spezzjoni fuq is-sit wara li kienu daħlu ilmenti dwar problema għal pasaġġ sigur. Huwa mar fuq is-sit diversi drabi u kkonferma li l-problema kienet li kien hemm dislivell fil-bankina b'kawża ta' periklu għall-utenti tal-istess triq. In kontro-eżami, l-appellant stess ikkonferma li in segwitu ta' din il-penali amministrattiva, u ċioe f'Jannar tas-sena 2024 hu kien għamel il-bankina in kwistjoni. In kontro-eżami ukoll ċaħad li huwa kien għamel it-tħaffir tat-trinka in kwistjoni.

Xehed ukoll Silvio Bonello in rappreżentanza tas-soċjeta' Enemalta. Huwa kkonferma li l-Enemalta kienet irċeviet applikazzjoni mis-sid Glen Cassar sabiex jitmexxa *feeder pillar*. Huwa spjega li l-culvert ma setax isir minħabba numru ta' servizzi li kien diġa hemm – allura talbu lill-klijent biex jagħmel kanal filwaqt li huma jipprovdulu l-cable. Huwa kkonferma li x-xogħol tat-trinek tal-bankina sar kollu mis-sid. Ix-xhud ikkonferma li l-

Enemalta għamlet trenching works fis-27 ta' Novembru 2023 u allura wara l-penali in kwistjoni u dan ix-xogħol sar mill-bankina l-barra għal fuq it-tarmac.

It-Tribunal jibda biex jinnota l-kontradizzjoni bejn dak li l-appellant qal fix-xhieda tiegħu u dak li huwa qal in kontro-eżami tax-xhud Sean Mizzi. Filwaqt li fix-xhieda tiegħu, meta mistoqsi in kontro-eżami kien ikkonferma li huwa kien għamel it-tqattiegħ u speċifika li dan kien sar permezz ta' *jigger,* in kontro-eżami ta' Sean Mizzi huwa ċaħad li huwa kien għamel dan it-tqattiegħ. Fit-trattazzjoni finali tiegħu, l-appellant jibqa' jinsisti li ma tressqet ebda prova li hu għamel xi xogħlijiet u saħaq li ebda ritratt ma ġie preżentat. Madankollu, it-Tribunal għandu l-aqwa prova li huwa fil-fatt għamel xi xogħlijiet u dan permezz tax-xhieda tiegħu stess. Dan huwa ukoll ikkoroborat b'dak li qal ir-rappreżentant tal-Enemalta li kkonferma li l-Enemalta m'għamlet ebda xogħol fuq il-bankina iżda kien l-appellant stess, wara applikazzjoni li huwa kien għamel li għamel ix-xogħlijiet in kwistjoni. Ghalhekk, l-provi juru li l-appellant fil-fatt kien għamel ix-xogħlijiet kollha relatati mal-bankina.

It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jevalwa jekk il-mogħdija in kwistjoni kinitx tali li ma tirispettax dak mitlub mill-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 u li allura kienet tippreżenta periklu għall-utenti tal-istess triq. It-Tribunal, wara li fela r-ritratt preżentati ma għandu ebda ombra ta' dubju li x-xogħol ma kienx skond is-sengħa u l-arti u d-dislivell huwa evidenti. Huwa evidenti ukoll li partijiet mill-bankina kienu joħolqu periklu għal min ikun għaddej mill-istess bankina. It-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 tidħol f'dettal dwar kif għandha tkun mogħdija koperta u dan billi tispeċifika anke sinjali adegwati li għandhom ikunu preżenti fejn ikun meħtieġ. Artikolu 5(d) jesiġi li mogħdija koperta għandha

*(d) jkollha art ma tiżloqx u b'wiċċ livellat skont standards nazzjonali*

It-Tribunal, wara li qies dan kollu iqis li l-mogħdija in kwistjoni ma kinitx waħda li tirispetta dak li trid il-liġi. Għaldaqstant il-penali imposta kienet ġustifikata u ser tiġi kkonfermata minn dan it-Tribunal.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell u jikkonferma l-penali amministrattiva imposta mill-Awtorita' appellata ta' nhar il-5 ta' Settembru, 2023.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |